MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## DAVID SCICLUNA

Seduta ta' l-4 ta' Frar, 2015

Appell Kriminali Numru. 245/2014

**Il-Pulizija**

**v.**

**Carmel Pace**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra Carmel Pace, karta ta' l-identita` numru 67862(M), talli b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk f'żminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi u jkunu ġew

magħmula b'riżoluzzjoni waħda, għax-xhur ta' Ottubru 2013 sa Diċembru 2013, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jagħti lil Anna Calleja u/jew lil uliedu s-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bħala manteniment għaliha u/jew għall-ulied fi żmien 15-il jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha titħallas dik is-somma;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tad-9 ta' Ġunju 2014 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 338(z) u 18 tal- Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imsemmi Carmel Pace ħati u kkundannatu xahar (1) priġunerija;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' Carmel Pace ippreżentat fit-12 ta' Ġunju 2014 li permezz tiegħu talab li din il-Qorti tħassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata fejn sabitu ħati ta' l-imputazzjoni dedotta kontra tiegħu u minflok tilliberah minn kull imputazzjoni, ħtija u piena, jew *in subsidium*, f'każ li din il-Qorti ssib ħtija fil-konfront tiegħu, timmodifika l-istess sentenza limitatament in kwantu għal-piena u minflok tinfliġġi piena alternattiva minn dik karċerarja;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta' l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; rat illi llum stess ġie effetwat il-ħlas opportun; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravji ta' l-appellant huma s-segwenti:

> "Illi minħabba l-interazzjoni ta' diversi fatturi u partikolarment it-tnaqqis drastiku fid-dħul tiegħu u l-inkarċerazzjoni tiegħu, l-appellant jinsab fl-impossibilita` assoluta illi jobdi l-ordni tal-Qorti dwar il-ħlas tal-manteniment;
>
> "Illi skond il-ġurisprudenza prevalenti u l-ekwita` huwa ma għandux ibati pieni kriminali bhala mera possibilita` ta' revoka jew modifika jekk huwa jinsab fi grad juri;

> "Illi huwa jinsab f'impossibilita` ta' eżekuzzjoni ta' obbligu ta' ħlas gravanti lilu."

**6.** Stante li sar il-ħlas ta' l-ammont dovut għax-xhur ta' Ġunju u Lulju 2013, m'hemmx lok li jiġu kkunsidrati l-aggravji ta' l-appellant.

**7.** Issa, stante illi l-kontravvenzjoni in kwistjoni hija kontravvenzjoni kontra l-ordni pubbliku, mhijiex rinunzjabbli. Iżda, kif ġie ritenut fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Publius Said** deċiż fid-9 ta' Lulju 2003 u f'diversi sentenzi sussegwenti:

> **"l-għan ewlieni tal-leġislatur meta ntroduċa din il-kontravvenzjoni xi ftit tas-snin ilu kien li jġib pressjoni fuq persuni li jkunu riluttanti li jħallsu manteniment lid-dipendenti tagħhom u mhux li jippunixxi biss għall-ksur tal-ordnijiet tal-Qrati, li kif intqal għandhom dejjem jiġu obduti u osservati skrupolożament."**

Konsegwentement għandu jkun hemm temperament fil-piena.

**8.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi tikkonfermaha in kwantu għall-ħtija iżda tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellant għal xahar priġunerija u minflok, bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, tilliberah bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor sa żmien sena millum. Din il-Qorti fissret lill-ħati bi kliem li jiftiehem sew li jekk jagħmel xi reat ieħor matul il-perijodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, huwa jkun jista' jingħata sentenza għar-reat oriġinali.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------